A.L. 66 ta' l-1989

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' l-1989 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Kostruzzjoni biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali, wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi għall-Kostruzzjoni dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati li għalihom japplika l-imsemmi Kunsill tal-Pagi, għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Kostruzzjoni biex Jirregola l-Pagi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1980 tal-Kunsill tal-Pagi għall-Kostruzzjoni biex Jirregola l-Pagi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 27 ta' l-1980.

(2) Dan l-Ordni għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Ġunju, 1989.

Jemenda l-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. Il-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(1) fis-subparagrafu (1) tiegħu minflok il-kliem "għal mhux aktar minn erbgħa u erbgħin siegħa xogħol" għandhom jidħlu l-kliem "għal mhux aktar minn erbgħin siegħa xogħol kalkulati fuq medja għal sena kalendarja waħda,"; u

(2) minnufih wara s-subparagrafu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subparagrafu ġdid li ġej:—

"(3) Għandha tingħata bil-miktub skeda kalendarja li tkun tkopri l-perijodu ta' sena kalendarja għall-kategoriji kollha ta' impjegati fl-istess stabbiliment, kif ikun il-każ, permezz ta' ittra reġistrata lid-Direttur u meta din tiġi hekk notifikata u sakemm din tkun konformi f'kull rigward mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni u l-ħtiġijiet ta' kull liġi oħra, din l-iskeda għandha tikkostitwixxi s-sigħat tax-xogħol normali fl-istabbiliment:

Iżda —

(a) sakemm dik l-iskeda tingħata lid-Direttur kif imsemmi, is-sigħat tax-xogħol normali fl-istabbiliment għandhom ikunu ta' erbgħin siegħa fil-ġimgħa; u

(b) kull tibdil f'dik l-iskeda kalendarja ma għandux jitwettaq mill-prinċipal qabel ma dak it-tibdil ikun ġie minn qabel notifikat bil-miktub lid-Direttur.".

Jemenda l-paragrafu 7 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

3. Minflok is-subparagrafu (1) tal-paragrafu (7) ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan is-subparagrafu ġdid li ġej:—

"(1) (a) F'kull ġurnata oħra barra s-Sibt u l-Ħadd jew btajjel tas-soltu għall-ħin kollu tax-xogħol li jinħadem 'il fuq mill-ħin tax-xogħol normali tal-istabbiliment li ma jkunx 'il fuq minn disa' sigħat f'xi jum wieħed	ħin u nofs;
(b) f'kull ġurnata oħra barra s-Sibt u l-Ħadd jew btala tas-soltu għall-ħin kollu tax-xogħol li jinħadem 'il fuq minn disa' sigħat	ħin u nofs;
(ċ) għall-ħin kollu ta' xogħol nhar ta' Sibt	ħin u nofs;
(d) għall-ħin kollu ta' xogħol nhar ta' Ħadd	ħin doppju;
(e) għall-ħin kollu ta' xogħol fi btala tas-soltu	ħin doppju b'żieda mal-paga normali ta' siegħa.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu japplikaw għal impjegat bl-imqieta biss meta huwa jkun imqabbad jaħdem sahra mill-prinċipal tiegħu.".

Jemenda l-paragrafu 9 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

4. Fis-subparagrafu (1) tal-paragrafu 9 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali".

Jemenda l-paragrafu 12 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

5. Fil-paragrafu 12 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali" għandhom jidħlu il-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali".